MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2015

Appell Kriminali Numru. 55/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony sive Antoine Rapa**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Anthony sive Antoine Rapa, karta ta' l-identita` numru 150769(M), talli:

(1) f'xi ħin matul il-lejl ta' bejn is-27 u t-28 ta' Ġunju 2002, f'San Ġiljan, ikkommetta serq ta' żewġ *jet-skis* tal-marka Yamaha mill-port tal-kumpless Portomaso, liema serq hu kkwalifikat bil-ħin, lok, mezz, valur u xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment ta' Stephen Micallef u persuni oħra;

(2) fid-29 ta' Awwissu u fit-tliet xhur ta' qabel, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħal sabiex ibigħhom jew imexxihom;

(3) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe` għamel ħsara f'żewġ *jet-skis*, liema ħsara jammonta għal aktar minn Lm500 għad-dannu ta' Stephen Micallef u persuni oħra;

(4) fl-istess żmien u ċirkostanzi, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita` pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz, billi waħħal set ta' numri foloz (S-13576) fuq l-imsemmi *jet-ski* tal-għamla Yamaha (numru ta' reġistrazzjoni S-14325);

(5) fil-ġranet ta' qabel id-29 ta' Awwissu 2002 volontarjament ta n-nar lil bini, għarix, maħżen, ħanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, baċil jew bini ieħor iżda meta fil-waqt ma kien hemm ebda persuna hemm ġewwa, u dan il-bini, għarix, maħżen, ħanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, baċil jew bini, kien qiegħed b'mod li ma setax iqabbad ħruq f'bini ieħor, għarix jew lok ieħor, fejn waqt il-ħruq kien hemm xi persuna hemm ġewwa, u dan bi ksur ta' l-artikolu 318 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(6) ikkommetta diversi reati/delitti li għalihom hemm piena ta' priġunerija fil-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża, liema sentenza hija definittiva u datata 27 ta' Settembru 2000 mogħtija lilu mill-Maġistrat Dr. Noel Cuschieri LL.D.

(7) f'dawn l-aħħar xhur f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, u cioe`:

> għamel użu mill-imsemmi *jet-ski* (S-14325) meta dan ma kienx kopert b'liċenzja maħruġa mill-Awtorita` Marittima u meta ma kienx kopert b'polza tal-assigurazzjoni;

għamel falsifikazzjoni jew għamel użu minn dokument ieħor falsifikat billi ħassar u biddel il-*Hull Number* tal-*jet-ski* tal-għamla Yamaha (numru tar-reġistrazzjoni S-14325);

għamel falsifikazzjoni jew għamel użu minn dokument ieħor falsifikat billi uża set ta’ numri ta’ reġistrazzjoni foloz (S-13576);

(8) sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta’ Malta diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra jew mibdula;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tad-29 ta’ Jannar 2013 li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Anthony sive Antoine Rapa ħati tar-reat ta’ riċettazzjoni u talli sar reċidiv u, wara li rat l-artikoli 334, 49, 50, u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, ikkundannatu sena u nofs priġunerija. Inoltre, a tenur ta’ l-artikolu 533 ta’ l-istess Kap. 9, ikkundannatu għall-ħlas ta’ l-ispejjeż peritali ammontanti għal €381.82. Ma sabitux ħati ta’ l-imputazzjonijjiet l-oħra u minnhom illiberatu;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Anthony sive Antoine Rapa ppreżentat fit-8 ta’ Frar 2013 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tħassar u tannulla s-sentenza appellata billi tiddikjaraha nulla jew, alternattivament u subordinatament għat-talba preċedenti, tikkonfermaha f’dawk il-partijiet li lliberatu minnhom u tħassarha u tirrevokaha f’dawk il-partijiet fejn sabitu ħati ta’ l-imputazzjoni ta’ reċidiva bl-addebitu tar-reċidiva u tilliberah mill-ħtija tagħhom, u sussidjarjament f’każ ta’ konferma tal-ħtija bħall-ewwel Qorti, tvarjaha in kwantu li tipprovdi għal piena aktar miti u idoneja fiċ-ċirkostanzi;

**4.** Rat is-sentenza preliminari mogħtija fil-21 ta’ Jannar 2015 li permezz tagħha laqgħet l-ewwel aggravju ta’ l-appellant, ħassret is-sentenza appellata u għaddiet biex tisma’ s-sottomissjonijiet finali tal-prosekuzzjoni u tad-difiża sabiex tiddeċiedi l-kawża hi fuq il-mertu.

**5.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** L-ewwelnett jiġi osservat illi waqt is-sottomissjonijiet orali, l-abbli rappreżentanta ta’ l-Avukat Ġenerali ndikat li fil-fehma tagħha hemm provi biżżejjed biex l-appellant jinstab ħati ta’ riċettazzjoni, u dan anke fir-rigward tal-jet-ski *three-seater*, ta’ ħsara volontarja fir-rigward ta’ l-istess *three-seater*, tar-reat kontemplat fl-artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, u ta’ l-użu tal-jet-skis mingħajr polza ta’ assikurazzjoni. Dwar l-imputazzjonijiet l-oħra għamlitha ċara li ma jirriżultawx.

**7.** Issa, mill-provi jirriżulta li fil-lejl ta’ bejn is-27 u t-28 ta’ Ġunju 2002 insterqu żewġ jet-skis li kienu bbertjati ma’ *pontoon* f’Portomaso. Wieħed mill-jet-skis kien *two-seater* u ieħor kien *three-seater*. Fid-29 ta’ Awwissu 2002, wara informazzjoni konfidenzjali li rċeviet il-Pulizija, it-*two-seater* instab ġewwa garaxx numru 2 fi Triq Sant’Aristarkus, San Pawl il-Baħar. Dan il-garaxx kien mikri lill-appellant li kien hu li fetaħ il-garaxx għall-Pulizija. Huwa qal lill-Pulizija li kien xtrah mingħand ċertu Robert Zammit li jimporta l-jet-skis. In-numru li kellu fuqu l-jet-ski kien S13576 u l-appellant qal li kien ikkupjah u li l-karti tar-reġistrazzjoni kien qed jieħu ħsiebhom l-imsemmi Robert Zammit. Robert Zammit ġie prodott bħala xhud iżda wara li ġie mwissi mill-Qorti, għażel li ma jixhidx. Apparti l-imsemmi numru, dan il-jet ski kellu alterazzjonijiet ta’ kulur u *stickers* kommissjonati mill-istess appellant. Dan ġie kkonfermat minn Benny Gauci, l-*isprayer*, u l-ħaddiema tiegħu David Camilleri u Victor Mifsud, u minn Paul Galea, is-*sign-writer*. In-numru fuq il-jet-ski li nstab fil-pussess ta’ l-appellant kien ta’ jet-ski ieħor appartenenti lil ċertu Emanuel Galea u li l-jet-ski tiegħu kien jinsab għat-tiswijiet għand ċertu Gilbert Bugeja. Dan Gilbert Bugeja xehed dwar jet-ski *three-seater* Yamaha 1200 li kien ra għand l-appellant u dwar li l-appellant kien talbu jżarmalu l-mutur ta’ jet-ski Yamaha 1200 *three-seater*. Ukoll f’Awwissu kien instab il-*hull* maħruq ta’ jet-ski *three-seater* fl-inħawi tal-Wardija.

**8.** Dwar ir-reat ta’ riċettazzjoni, l-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta jipprovdi li huwa ħati ta’ reat kull min f’Malta, **“**xjentement jilqa’ għandu jew jixtri ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan isir f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom”. Ix-xjenza meħtieġa fir-riċettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuża ġenerika, u ma tirreferix għad-dettalji speċifiċi tar-reat prinċipali tas-serq, fis-sens li hija xjenza li tista’ tiġi dedotta miċ-ċirkostanzi tal-każ. Dan l-element intenzjonali jirrikjedi li r-riċettatur kien jaf, jew li miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, kien messu raġonevolment jaf li l-oġġett li ser jakkwista ġej minn provenjenza kriminuża.[1]

**9.** Fil-każ in eżami l-passi li ħa l-appellant biex ibiddel id-dehra tal-jet-ski u saħansitra biddel in-numru ta’ reġistrazzjoni tiegħu u anke għamel *plate* b’numru differenti tal-Yamaha, jindikaw li kellu tali xjenza. Ta’ min jgħid ukoll illi fl-ebda istanza ma nforma lill-Pulizija kemm kien ħallas għal dan il-jet-ski. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti m’għandha l-ebda dubju li l-imputazzjoni ta’ riċettazzjoni hi pruvata.

**10.** Dwar l-imputazzjoni li tirrigwarda l-ksur ta’ l-artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, jingħad illi r-reat hemm deskritt jikkontempla forma ta’ falsita` ideoloġika.

**11.** Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Galea** mogħtija fis-17 ta’ Ottubru 1997 din il-Qorti diversament presjeduta ntqal hekk dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideoloġiku:

---

[1] Ara Appell Kriminali, **Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et**, 16 ta’ Dicembru 1998.

> **"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideoloġiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-każ tal-falz materjali d-dokument jiġi ffalsifikat fl-essenza materjali tiegħu, fil-falz ideoloġiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe` fil-kontenut ideali tiegħu (Antolisei, F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II* (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (*Trattato*, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wieħed mhux ġenwin (jiġifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tiegħu), mentri fil-falz ideoloġiku, għalkemm id-dokument ikun ġenwin *"non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero"*. Għall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli għal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., *op. cit.*, p. 594). S'intendi, b'kitba wieħed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetiċi, iżda tinkludi dawk numeriċi, stenografiċi u anke kriptografiċi, basta li dik il-kitba tesprimi ħsieb li jkun jiftiehem minn kulħadd jew minn ċertu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkaniċi, b'mezz indelibbli jew li jista' jitħassar u fuq kwalsiasi mezz li jista jieħu, imqar temporaneament, il-messaġġ – karta, parċmina, injam, ġebel, ħadid, plastik, eċċ."**

**12.** Fil-każ in eżami dan ir-reat ma jirriżultax. Il-falsita` trid tkun f'dokument maħsub għall-awtorita` pubblika. L-appellant ma kienx mitlub jagħmel dikjarazzjoni, stqarrija jew jagħti taghrif minn xi awtorita` pubblika. In-numru ġdid ta' reġistrazzjoni u pjanċa b'numru differenti tal-Yamaha ma kinux "maħsuba għal xi awtorita` pubblika". Inoltre dawn in-numri, ossia dokumenti, ma kinux dokumenti ġenwini. Konsegwentement l-appellant ma jistax jinstab ħati tar-reat ta' dikjarazzjoni falza jew tagħrif falz lil awtorita` pubblika.

**13.** Kwantu għar-reat ta' użu ta' jet-skis mingħajr polza ta' assigurazzjoni, l-ebda xhud ma qal li ra lill-appellant isuq il-jet-ski in kwistjoni.

**14.** Dwar ir-reati l-oħra addebitati lill-appellant, din il-Qorti tosserva illi m'hemm xejn li jorbot lill-appellant mas-serq taż-żewġ jet-skis. Kwantu għall-jet-ski *three-seater*, dak li nstab maħruq ma ġiex identifikat bħala li kien jappartjeni lil Stephen Micallef, bħalma lanqas ma ġie identifikat appartenenti lil Stephen Micallef dak li tiegħu żarma l-mutur Gilbert Bugeja. Lanqas ma hemm xi nexus bejn il-jet-ski maħruq u l-appellant u għalhekk lanqas ma hemm nexus bejn il-ħsara f'dak il-jet-ski u l-appellant. Kwantu għall-jet-ski rekuperat, Stephen Micallef stess qal li ma kellux ħsarat. Dwar

ir-reati l-oħra addebitati lill-appellant, din il-Qorti taqbel mal-posizzjoni ta' l-Avukat Ġenerali li dawn ma jirriżultawx mill-provi.

**15.** Fl-aħħarnett rigward ir-reċidiva, din il-Qorti tirreferi għas-sentenza esebita mill-Ispettur David Saliba u mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fis-7 ta' Settembru 2000.[2] Permezz ta' dik is-sentenza l-appellant kien ingħata sentenza sospiża ta' priġunerija għal perijodu ta' sentejn. Dan ifisser illi meta seħħ il-każ in kwistjoni, il-perijodu operattiv kien għadu ma skadiex. Konsegwentement l-appellant jista' jiġi dikjarat ħati biss skond l-artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Inoltre peress illi mill-fedina penali aġġornata ta' l-appellant jirriżulta, almenu *prima facie*, li l-appellant ġie trattat għall-ksur ta' dik is-sentenza sospiża fi proċeduri oħrajn, din il-Qorti ma hi se tagħti l-ebda provvediment skond l-artikolu 28D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**16.** Kwantu għall-piena, jingħad l-ewwelnett illi dan il-każ jirrisali għas-sena 2002. Mill-fedina penali aġġornata jidher, almenu *prima facie*, li l-aħħar reati kommessi mill-appellant kienu fis-sena 2005. Quddiem din il-Qorti diversament presjeduta kienet xehdet l-uffiċjal tal-*probation* Joanna Farrugia li qalet li l-appellant kien jattendi regolarment u ma kellhiex problemi. Qalet ukoll li f'każ separat kien sar *pre-sentencing investigation report* li a bażi tiegħu kien ingħata mija u ħamsin siegħa *community service* li kkonkluda b'suċċess. Hija qalet li ma kinitx indikata piena karċerarja. Jingħad ukoll illi, għalkemm ċertament l-azzjoni mhijiex rinunzjabbli, id-derubat Stephen Micallef deher quddiem din il-Qorti u ddikjara li ma kellux aktar interess f'dawn il-proċeduri kontra l-appellant. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti wkoll ma tqisx li piena karċerarja effettiva hi ndikata.

**17.** Għal dak li jirrigwarda l-ispejjeż peritali, huma dovuti biss dawk ta' l-A.I.C. Richard Aquilina (fl-ammont ta' €114.37) li ġie nominat sabiex jagħmel pjanta tal-post fejn instab il-jet-ski fil-garaxx ta' l-appellant. Għal dak li jirrigwarda r-ritratti meħuda minn P.S. 173 Brian Mangion, ir-rapport relattiv qatt ma ġie kkonfermat minnu u għaldaqstant m'hemmx spejjeż dovuti.

**18.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi ssib lill-appellant ħati talli (1) fid-29 ta' Awwissu 2002 u fix-xhur ta' qabel, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, u (2) sar reċidiv skond l-artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta; ma ssibx lill-appellant ħati ta' l-imputazzjonijiet l-oħra kollha u minnhom tilliberah; u wara li rat l-artikoli 334, 279(b) u 49 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundannah tlettax-il xahar priġunerija b'dan li din is-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' sentejn millum huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem ċar ir-responsabbilta` tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Reġistratur tal-Qorti għad-dmirijiet tiegħu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9. Fl-aħħarnett, a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġiiet ta' Malta,

[2] Seduta ta' l-20 ta' Novembru 2002.

tikkundannah iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' €114.37 rappreżentanti l-ispejjeż peritali ta' l-A.I.C. Richard Aquilina kif ingħad.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------